



12.3.2012

0006/2012

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-implimentazzjoni ta' projbizzjoni għal imqawel individwali għall-qżieqeż mill-1 ta' Jannar 2013.

**George Lyon, Esther de Lange, Dan Jørgensen, Marit Paulsen, Janusz Wojciechowski**

Data ta' skadenza: 14.6.2012

0006/2012

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-implimentazzjoni ta' projbizzjoni għal imqawel individwali għall-qżieqeż mill-1 ta' Jannar 2013.**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-majjali,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-obbligu li l-imqawel individwali għall-majjali nisa jinbidlu f'imqawel għal gruppi għandu jiġi implimentat mill-oqsma kollha sal-1 ta' Jannar 2013,
- B. billi, fuq medja, l-implimentazzjoni ta' din id-direttiva twassal għal żieda ta' 2% fl-ispejjeż tal-produzzjoni,
- C. billi tliet Stati Membri biss (LU, SE, UK) diġà huma konformi, waqt li erbgħa oħra għandhom ikunu konformi fiż-żmien stabbilit (DE, DK, IE, LT),
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Presidenza tal-Kunsill biex iżommu l-iskadenza tal-1 ta' Jannar 2013 għall-implimentazzjoni tad-direttiva dwar il-protezzjoni tal-majjali;
  2. Huwa mħasseb minħabba li bosta produttori mhumiex se jimplimentaw fil-ħin it-talba għall-bidla f'imqawel għal gruppi, u jisħaq li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jgħinu lill-produtturi ħalli jkunu konformi, speċjalment fil-każ ta' dawk li qed jitħabtu ma' ostakoli amministrattivi lil hinn mill-kontroll tagħhom bħal proċeduri għall-permess li jieħdu fit-tul;
  3. Jikkundanna l-firxa wiesgħa tan-nuqqas ta' konformità mad-direttiva dwar il-protezzjoni tat-tiġieġ tal-bajd; jitlob li l-infurzar tad-direttiva dwar il-protezzjoni tal-majjali titqies bħala prijorità sabiex tiġi evitata ripetizzjoni ta' din is-sitwazzjoni inammissibbli;
  4. Iqis li l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali huwa indispensabbli biex jiżgura kemm kompetizzjoni ġusta bejn il-produtturi kif ukoll il-kredibbiltà tal-istandards tal-UE vis-à-vis l-konsumaturi u l-imsieħba kummerċjali;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati.